IT-TLUGĦ FIS-SEMA TAL-MULEJ
"MORRU, AGĦMLU DIXXIPLI"

Daħla: Fis-Solennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Ġesù, aħna naraw lill-Appostli mimlijin b'kuraġġ ġdid għax jafu li l-Mulej rebaħ lill-mewt imma fl-istess ħin imħassbin għax issa li se jitlaqhom, ir-responsabbiltà tat-tmexxija tal-Knisja waqgħet fuqhom. Imma Ġesù jagħtihom setgħa ġdida u mandat biex l-ewwel responsabbiltà tagħhom tkun li jagħmlu dixxipli mill-ġnus. Dan il-mandat għadu jgħodd sallum fuqna lkoll. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

L-Ewwel Qari: Qabel tela' s-sema, Ġesù ta l-aħħar ordni lill-appostli. Dan l-ordni jagħtih lilna wkoll. Hu jridna nkunu xhieda tiegħu fid-dinja li ngħixu fiha bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

Responsorju tas-Salm: **Tela' Alla b'għajjat ta' ferħ!**
jew
Hallelujah! Hallelujah! Hallelujah!

It-Tieni Qari: San Pawl jitlob għalina biex nagħrfu l-qawwa u s-setgħa li hemm fina. Dan hu l-Ispirtu s-Santu.

Offertorju:*(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Kull don ġej minn Alla. Ejjew noffrulu lil ħajjitna u l-ġid tagħna waqt li hu qed jagħtina ħajtu. Inkantaw...

Tqarbin: *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Ġesù tela' s-Sema. Imma ried jibqa' magħna permezz tal-Ewkaristija. Inkunu għaqlin u nieħdu sehem bil-ferħ mill-Ikla tal-Mulej. Inkantaw.....

Ringrazzjament: *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Mulej, grazzi li bqajt magħna. Grazzi li tibqa' tonfoħ fuqna l-Ispirtu tiegħek. Ngħidu flimkien (JEW) inkantaw...

Kant tal-Għeluq...